# QORTI TA' L-APPELL

## (APPELL MIT-TRIBUNAL GHAT-TALBIET ZGHAR)
## (GHAWDEX)

**IMHALLEF**

**ONOR CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.,**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 14 ta' Gunju, 2001**

**Numru 1**

**Avviz Nru. 2/99 GT/PS**

**Maltacom plc**

**vs**

**Albert Grech u, b'digriet tat-23 ta' Frar, 1999, giet kjamata fil-kawza Maria Stella Grech**

**Il-Qorti,**

Dan hu appell minn zewg decizjonijiet fl-istess kawza moghtija mit-Tribunal ghat-Talbiet Zghar (Ghawdex). L-ewwel decizjoni tirrisali ghall-1 ta' Gunju, 1999, u t-tieni decizjoni ghas-27 ta' Lulju, 1999. L-ewwel sentenza, cioe' dik ta' l-1 ta' Gunju, 1999, taqra kif gej;

"It-Tribunal,

Ra r-risposta tal-konvenut Albert Grech li, fost eccezzjonijiet ohra, qieghed jissottometti li t-talba attrici fil-konfront tieghu hija kolpita bil-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar a tenur ta' l-artikolu 2148(f) tal-Kodici Civili, kif ukoll bil-preskrizzjoni ta' hames (5) snin skond l-artikolu 2156(f) ta' l-istess Kodici;

Ra r-risposta tal-kjamanta fil-kawza Maria Stella Grech li, inter alia, qieghda teccepixxi wkoll il-preskrizzjoni tat-talba attrici, fil-konfront taghha tal-perjodu ta' hames (5) snin a tenur tac-citat artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili;

Ra il-verbal tas-seduta ta' l-erbgha (4) ta' Mejju 1999, fejn id-difensuri tal-partijiet, wara li ttrattaw l-istess eccezzjoni tal-preskrizzjoni, talbu li l-kawza tithalla ghad-decizjoni dwar l-istess eccezzjoni.

Jikkunsidra:

Il-kreditu mitlub fl-avviz huwa ghal servizz provdut mis-socjeta' attrici Maltacom p.l.c. (li qabel kienet iggib l-isem ta' Korporazzjoni Telemalta), u konsistenti f'kiri (rentals) ta' l-apparat telefoniku u sejhat telefonici (pulses).

Joseph Debrincat, li ghandu funzjoni ta' Principal Officer fil-Credit Control ghal Ghawdex tas-socjeta' attrici, xehed, fis-seduta ta' l-ghoxrin (20) ta' April 1999, illi l-kreditu mitlub huwa ta' mija u sebgha u ghoxrin lira (Lm127.00,0), u li dan l-ammont ikopri l-perjodu mill-ewwel (1) ta' Ottubru, 1994, sa l-ewwel (1) ta' Jannar, 1998. huwa esebixxa "statement" in sostenn tat-talba attrici kkonfermat bil-gurament.

Il-konvenut u l-kjamata fil-kawza qeghdin jinvokaw, kif diga' gie rilevat, zewg perjodi preskrittivi: dak ta' tmintax (18)-il xahar u dak ta' hames (5) snin.

L-artikolu 2148(f) tal-Kodici Civili jipprovdi illi:
"L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' tmintax-il xahar;

(f) L-azzjonijiet ta' kull persuna, ghall-kera ta' hwejjeg mobbli."

L-artikolu 2156(f) ta' l-istess Kodici jipprovdi illi:
"L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' hames snin;

(f) L-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni iqsar, jew li ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku."

Il-kreditu pretiz huwa ghal servizz provdut permezz ta' apparat telefoniku, li m'hemmx dubju, huwa oggett mobili, u ghalhekk jaqa' fil-kategorija, ghall-fini ta' preskrizzjoni, indikata fl-artikolu 2148, u senjatament fis-subartikolu(f), u mhux fil-kategorija ta' azzjonijiet deskritti fic-citat artikolu l-iehor 2156.

Jigi rilevat li, skond is-"service agreement" li kopja tieghu hija esebita fil-process, ir-rata pagabbli ghall-uzu tat-telefon installat fir-residenza numru 15, St Andrew Street, Victoria, Ghawdex hija, dik "residenzjali", u mhux kummercjali; dan il-fatt ikompli jikkonferma l-inapplikabilita' tal-imsemmi artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

Dan premess, it-Tribunal – minghajr ma jidhol, f'dan l-istadju, la fil-mertu tat-talba attrici u lanqas fil-kwistjoni ta' min, fost il-konvenut u l-imsejha fil-kawza, huwa l-legittimu kontradittur – jghaddi issa biex jikkunsidra jekk il-kreditu hux preskritt fil-konfront ta' kull wiehed minnhom a tenur ta' l-artikolu 2148(f) tal-Kodici Civili.

1. Fil-konfront tal-konvenut Albert Grech

(a) Kif diga' inghad, il-kreditu jkopri l-perijodu mill-1 ta' Ottubru, 1994, sa l-1 ta' Jannar, 1998. Dan jikkonsisti f'"pulses" u "rentals" sad-29 ta' Settembru, 1995, u "rentals" biss minn dik id-data ta' l-1 ta' Jannar, 1998.

(b) Jirrizulta li l-konvenut Albert Grech, -- li kien telaq mid-dar konjugali, kif xehed hu, fit-12 ta' Mejju, 1992, peress li kienu ghaddejjin bejnu u bejn martu (l-imsemmija fil-kawza Maria Stella Grech) proceduri ta' separazzjoni personali – qatt ma gie notifikat b'xi att gudizzjarju biex ihallas il-kreditu pretiz. Hu xehed li l-ittra ufficjali, ipprezentata kontrih mis-socjeta' attrici fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) u datata 12 ta' Awwissu 1997, qatt ma waslet ghandu. Din l-ittra kienet indirizzata lilu fid-dar konjugali fejn kienet baqghet toqghod martu wara li hu telaq mid-dar, ircevietha u ffirmat il-"Pink Card" martu u zammitha hi.

(c) Ma jirrizultax, jekk saru xi pagamenti akkont tal-kreditu, f'Settembru 1997 u f'Novembru 1997 – kif xehed ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici, li la seta' jghid minn min thallsu

u lanqas ghal liema perijodu thallsu – li dawn saru mill-konvenut, kif lanqas ma jirrizulta li dan, matul l-imsemmi perjodu, qatt ipprometta li jhallas.

(d) Konsegwentement il-kreditu pretiz mis-socjeta' attrici, fil-konfront tal-konvenut, sa tmintax (18)-il xahar qabel ma l-istess konvenut gie notifikat bl-avviz tat-talba odjerna, cioe' qabel il-hamsa (5) ta' Frar 1999 huwa preskritt.

2. Fil-konfront tal-kjamata fil-kawza Maria Stella Grech

Ma jirrizultax li l-imsejha fil-kawza qatt giet interpellata permezz ta' xi att gudizzjarju biex thallas il-kerditu miltub fl-Avviz. Lanqas ma jirrizulta li okkorriet, b'mod sodisfacentement provat; xi wahda mill-kundizzjonijiet l-ohra preskritti mil-Ligi li jiksru l-preskrizzjoni.

L-imsejha fil-kawza giet notifikata bl-Avviz tat-Talba odjerna fil-11 ta' Marzu, 1999; u ghalhekk fil-konfront ta' l-istess imsejha fil-Kawza, il-kreditu pretiz huwa in parte preskritt sa tmintax (18)-il xahar qabel l-imsemmija data tan-notifika tal-11 ta' Marzu, 1999.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' l-ecczzjoni tal-preskrizzjoni, sollevata tant mill-konvenut kif ukoll mill-imsejha fil-kawza a tenur ta' l-artikolu 2148(f) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta), limitatament ghal dik il-parti mill-kreditu pretiz mis-socjeta' attrici:

(a) Sal-hamsa (5) ta' Awissu, elf disgha mija u sebgha u disghin (1997) fir-rigward tal-konvenut Albert Grech; u

(b) Sal-hdax (11) ta' Settembru, elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) fir-rigward tal-imsejha fil-kawza Maria Stella Grech

L-ispejjez ta' din l-istanza huma rizervati ghall-gudizzju finali"

It-tieni sentenza, cioe' dik tas-27 ta' Gunju, 1999 taqra kif gej:-

"It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut biex ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' mija u wiehed u tletin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm131.48,0) dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 560186, skond kif jidher mill-kopja tas-"service agreement" esebita fil-process u markata dokument "A"; u dana ghall-perijodu bejn il-25 ta' Lulju, 1990, u s-7 ta' Jannar, 1999. Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali tal-11 ta' Awissu, 1997, tal-5 ta' Mejju, 1998, u tal-25 ta' Gunju, 1998; it-taxxa fuq il-valur mizjud fuq is-servizzi professjonali u l-imghax legali mid-data ta' l-ittra ufficjali tal-11 ta' Awissu, 1997;

Wara li ra r-risposta li permezz taghha l-konvenut Albert Grech eccepixxa illi:

(a) Huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress illi huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur imma hija martu Maria Stella Grech, minnu "de facto" separata, illi kienet tabita fil-fond 15, St Andrew Street, Victoria, Ghawdex, fil-perijodu indikat;

(b) Barra min hekk, is-servizz tat-telefon fil-fond "Galaxy", Triq ix-Xewkija, Sannat, Ghawdex, dejjem thallas;

(c) Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici llum tinsab kolpita bil-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar skond l-artikolu 2148(F) tal-Kodici Civili, kif ukoll bil-preskrizzjoni ta' hames snin skond l-artikolu 2156 (F) tal-Kodici Civili;

Wara li ra l-verbal tas-seduta tat-23 ta' Frar, 1999, fejn il-konvenut talab li tigi msejha fil-kawza Maria Stella Grech, mart il-konvenut, in vista tal-fatt li din hija legalment separata minn zewgha, -- liema talba kienet giet milqugha;

Wara li ra r-risposta ta' l-imsejha fil-kawza, Maria Stella Grech, li permezz taghha hija eccepiet illi:

(a) It-talbiet attrici, kif diretti kontra tahgha, huma preskritti a tenur ta' l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili;

(b) Minghajr pregudizzju ghall-premess, ma hemm l-ebda rabta guridika bejn l-attur u l-kjamata fil-kawza;

(c) Fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-allegat dejn kien jifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, li taghha kien il-kap il-konvenut Albert Grech, li huwa ghalhekk responsabbli ghall-hlas ta' l-allegat debitu;

(d) Salvi eccezzjonijiet ohra fil-fatt u fid-dritt.

U wara li sema' bil-gurament lil Joseph Debrincat in rapprezentanza tas-socjeta' attrici, lill-Assistant Registratur tal-Qrati ghal Ghawdex, Jane Refalo, u lill-konvenut; ezamina d-dokumenti esebiti u l-provi kollha prodotti; u ha konjizzjoni tas-sottomissjonijiet maghmula mid-difensuri tal-partijiet fit-trattazzjoni tal-kawza;

Jikkunsidra:

Jigi, qabel xejn, rilevat illi, b'decizjoni in parte moghtija fl-ewwel (1) ta' Gunju, 1999, fir-rigward ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata kemm mill-konvenut u kemm mill-imsejha fil-kawza, it-Tribunal iddecieda li l-kreditu mitlub mis-socjeta' attrici huwa preskritt:

(a) Sal-5 ta' Awissu, 1997, fir-rigward tal-konvenut Albert Grech; u

(b) Sal-hdax (11) ta' Settembru, 1997, fir-rigward tal-imsejha fil-kawza Maria Stella Grech.

F'dak l-istadju, it-Tribunal ma dahalx fil-kwistjoni ta' min huwa l-legittimu kontradittur, cioe' jekk hux il-konvenut jew l-imsejha fil-kawza. Din l-eccezzjoni thalliet biex tigi kkunsidrata u deciza illum.

(2) Dwar l-eccezzjoni tar-relazzjoni guridika bejn il-partijiet, jigi rilevat illi:

(a) Il-kreditu jirrigwarda servizz tat-telefon ("calls" u "rentals") installat fil-fond numru hmistax (15), St Andrew's Street, Victoria, Ghawdex, li kienet id-dar residenzjali konjugali fejn kienu jabitaw il-konvenut u l-imsejha fil-kawza, cioe' martu. L-applikazzjoni ghall-installazzjoni tas-servizz telefoniku f'dan il-fond, liema telefon inghata numru 560168, giet iffirmata mill-konvenut Albert Grech. Din l-applikazzjoni, maghrufa bhala "service agreement", hija datata 25 ta' Lulju, 1990.

(b) Fil-gurnata li huwa applika ghal dan is-servizz, u iffirma ghalih, il-konvenut kien il-kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u hekk baqa' sakemm saret is-separazzjoni bejniethom, cioe' bejnu u martu, separazzjoni kemm personali kif ukoll tal-komunjoni ta' l-akkwisti, in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Silvio Hili

pubblikat fl-ghaxra (10) ta' Gunju, 1997 (dokument AG-1 fil-process).

(c) Jirrizulta li, f'xi zmien wara li zzewweg ma' l-imsejha fil-kawza fl-ewwel (1) ta' Lulju, 1989, il-konvenut telaq mid-dar konjugali u mar jabita band'ohra; hu jghid li telaq fit-12 ta' Mejju, 1992. Peress li s-servizz tat-telefon f'dik li kienet id-dar konjugali tal-konvenut u martu ma baqax jithallas, dan is-servizz inqata' mis-socjeta' attrici. Kemm Joseph Debrincat, in rapprezentanza tas-socjeta' attrici, u kemm il-konvenut innifsu, fix-xhieda taghhom jaqblu li l-konvenut qatt ma talab ghall-qtugh ta' dan is-servizz.

(d) Jirrizulta li l-konvenut qatt ma talab biex dan is-servizz tat-telefon minn fqu ismu jinqaleb fuq isem xi hadd iehor, lanqas biex jinqaleb fuq martu l-imsejha fil-kawza – la qabel u lanqas wara li gie ppubblikat il-kuntratt tas-separazzjoni legali tieghu minn ma' martu. Dwar dan, kemm qbil bejn is-socjeta' attrici u l-istess konvenut.

Joseph Debrincat, ghas-socjeta' attrici, xehed hekk: "Il-konvenut Albert Grech qatt ma talabna biex it-telefon jinqaleb fuq isem xi hadd iehor." Il-konvenut xehed: "Jien lill-Maltacom ma informajthomx li m'ghadnix noqghod hemm".

(e) Jigi rilevat li, indipendentement minn x'gie miftiehem u stipulat bejn il-konvenut u martu fil-kuntratt ta' separazzjoni citat, kull ma gie kkontrattwat jorbot biss lill-firmatarji, cioe' lill-konvenut u martu, u ghalhekk bl-ebda mod ma jorbot lis-socjeta' attrici – li ovvjament, ma kienetx partecipi fih – li qatt ma giet imgharrfa b'dan il-kuntratt, u li, kif diga' inghad, qat ma intalbet minn hadd biex is-servizz tat-telefon "de quo" minn fuq isem il-konvenut jinqaleb ghal isem xi hadd iehor.

(f) Konsegwentement, fid-dawl tal-premess, jirrizulta b'mod inekwivoku li l-legittimu kontradittur kien u baqa' dejjem il-konvenut unikament. Ghalhekk l-eccezzjoni ta' martu, l-imsejha fil-kawza Maria Stella Grech, li hija ma hijiex il-legittimu kontradittur, ghandha tigi akkolta.

3. Fir-rigward tal-mertu, it-Tribunal jaghmel il-kunsiderazzjonijiet segwenti:

(a) Il-kreditu mhux preskritt huwa dak kovut wara l-hamsa (5) ta' Awissu, 1997. Fis-seduta ta' l-erbgha (4) ta' Mejju, 1999,

Joseph Debrincat, il-Principal Officer fil-Credit Control tas-socjeta' attrici ghal Ghawdex, xehed hekk:

"It-telefon gie maqtugh fit-22 ta' Ottubru, 1996. it-telefon kien fuq Albert Grech. Qed nesibixxi prospett dettaljat dwar il-"pulses" formanti parti mill-kreditu (dokumentat JD1). Fl-1996 ma sarux "pulses", imma "rentals" biss. L-ahhar "pulses" li saru kienu fid-29 ta' Settembru, 1995."

Din ix-xhieda hija korroborata bid-dokumenti esibiti.

(b) Peress illi s-servizz tat-telefon "de quo" inqata' mis-socejta' attrici fit-22 ta' Ottubru, 1996, u kwalunkwe kreditu talvolta dovut huwa dak li ma giex preskritt, cioe' wara l-hamsa (5) ta' Awissu, 1997; u peress li, skond ix-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta' attrici, matul is-sena 1996 – u naturalment, lanqas wara l-1996 – ma sarux sejhat ("pulses" jew "calls") fuq in-numru tat-telefon in kwistjoni, konsegwentement ma hemm ebda kreditu ghal "pulses" dovut wara l-5 ta' Awissu, 1997.

Fir-rigward ta' "rentals", minn prospett esibit mis-socjeta' attrici u markat dokument GM2 fil-process, jirrizulta li l-kreditu pretiz mis-socjeta' attrici ghal "rentals" ikopri l-perijodu sa Dicembru 1996, li jaqa' kollu fil-perjodu preskrittiv a tenur tac-citata decizjoni in parte. Konsegwentement, lanqas f'dan ir-rigward ma hemm kreditu dovut wara l-5 ta' Awissu, 1997.

4. Fl-ahharnett, fir-rigward tat-talba tas-socjeta' attrici ghall-hlas tat-"taxxa fuq il-valur mizjud fuq is-servizzi professjonali", l-istess socjeta' ma spjegatx, matul il-kors kollu tal-procedura, ghal liema servizzi qieghda tirriferixxi u li fuqhom qieghda titlob il-hlas tat-taxxa. Pero', fuq l-iskorta ta' dikjarazzjonijiet maghmula mir-rapprezentant ta' l-istess socjeta' u tad-difensuri taghha dwar l-istess talba f'numru ta' kawzi minnha intavolati quddiem dan it-Tribunal f'seduti mizmugha fl-edifizzju tal-Qrati ta' Malta, jirrizulta li l-pretensjoni attrici tirrigwarda V.A.T. fuq drittijiet professjonali dovuti lid-difensuri taghha ghall-assistenza professjonali taghhom quddiem dan it-Tribunal. Ai termini tal-proviso tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 10 ta' l-Att numru V ta' l-1995, tali drittijiet professjonali huma dejjem a kariku ta' l-attur, indipendentement mill-esitu tal-gudizzju. Konsegwentement, kull taxxa li talvolta tkun dovuta fuq l-istess drittijiet professjonali tad-difensuri hija similment akkollabbli lill-attur, dejjem fir-rgward tad-difensuri assistenti lill-istess attur. Ghalhekk lanqas f'dan ir-rigward it-talba attrici ma hija sostenibili.

> Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jiddeciedi billi:
>
> 1. Jiddikjara li l-konvenut Albert Grech huwa l-uniku legittimu kontradittur fil-konfront tas-socjeta' attrici fir-rigward tat-talbiet ta' l-istess socjeta'; u konsegwentement jillibera lill-kjamata fil-kawza Maria Stella Grech mill-osservanza tal-gudizzju.
>
> 2. Jichad it-talbiet attrici diretti kemm kontra l-konvenut kif ukoll kontra l-kjamata fil-kawza, peress li, ghar-ragunijiet premessi, il-kreditu pretiz ma huwiex dovut.
>
> Fic-cirkostanzi specjali tal-kaz ikun gust u ekwu li l-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu minghajr taxxa".

L-appell gie maghmul mis-socjeta' attrici, cioe' il-Maltacom plc, permezz ta' rikors ta' l-appell pprezentat fis-6 ta' Awissu, 1999, li bih l-istess socjeta' appellanti talbet li din il-Qorti joghgobha thassar u tannulla l-ewwel sentenza, cioe' ta' l ta' Gunju, 1999, billi tiddikjara li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik kwinkwennali u mhux dik tat-18-il xahar, u konwegwentement tvarja wkoll is-sentenza l-ohra tas-27 ta' Lulju, 1999, billi tikkonferma l-ewwel Kap taghha, u cioe' fejn iddecidiet li Albert Grech huwa l-uniku legittimu kontradittur, u thassar it-tieni Kap taghha li permezz tieghu ddecidiet li ghalhekk il-krerditu pretiz mhux dovut u tiddeciedi nvece li l-kreditu huwa dovut sakemm dan mhux kolpit bil-preskrizzjoni kwinkwennali; bl-ispejjez kontra l-konvenut appellat.

Il-konvenut Albert Grech ipprezenta risposta ghall-appell tal-Maltacom plc li fiha anke interpona appell incidentali inkwantu qieghed jikkontesta

dik il-parti mid-decizjoni tas-27 ta' Lulju, 1999, li biha t-Tribunal iddikjara li hu biss li huwa l-legittimu kontradittur tas-socjeta' attrici, u konsegwentement qieghed jitlob li d-decizjoni msemmija appellata tigi modifikata billi din il-Qorti tiddikjara li martu, Maria Stella Grech, hija responsabbli ghall-hlas ta' kwalunkwe ammont talvolta dovut lill-Maltacom ghas-servizz tat-telefon provut wara l-ahhar tas-sena 1992. Huwa jissottometti wkoll illi l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' tmintax-il xahar kif deciz mit-Tribunal.

Dahlet risposta ukoll mill-kjamata fil-kawza Maria Stella Grech li in succint talbet il-konferma tas-sentenza tat-Tribunal moghtija fis-27 ta' Lulju, 1999, li lliberatha minn kull responsabbilita'.

M'hemmx bzonn illi jigi riprodott fid-dettall l-aggravju ta' l-appell kif kontenut fir-rikors ta' l-appell tas-socjeta' attrici peress li dan huwa wiehed semplici, u cioe' qed jigi sottomess bhala bazi ta' l-appell odjern illi l-ewwel wahda miz-zewg decizjonijiet appellati, cioe' dik ta' l-1 ta' Gunju, 1999, fejn it-Tribunal iddecieda li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' tmintax-il xahar skond l-artikolu 2148 (f) tal-Kodici Civili, hija zbaljata peress illi l-preskrizzjoni applikabbli hija dik kwinkwennali kontemplata taht l-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili.

Anqas ma hemm htiega li dawn iz-zewg artikoli tal-Kodici Civili joqghodu jergghu jigu riprodotti hawnhekk peress li diga' jinsabu riprodotti fl-ewwel wahda miz-zewg sentenzi appellati.

Din il-Qorti m'ghandhiex ezitazzjoni tideciedi illi in konformita' ma' gurisprudenza li ormai hija kostanti ghal ghexieren ta' snin, f'materja ta' krediti ta' hlas ghas-servizz tat-telefon, inkluza kera ta' l-apparat, il-preskrizzjoni applikabbli hija dik kontemplata fl-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili, cioe' dik ta' hames snin u mhux dik deciza mit-Tribunal. Ara f'dan ir-rigward is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, in re "Maltacom plc vs. Concrete Works Ltd" tad-19 ta' Frar, 1999, li taghmel riferenza ghal xi gurisprudenza precedenti fir-rigward.

Biex taqtaghha fil-qasir ghalhekk l-ewwel parti ta' l-appell tal-Maltacom ser jigi akkolt inkwantu dirett ghall-ewwel wahda mid-decizjonijiet appellati, u cioe' dik rigwardanti l-preskrizzjoni applikabbli.

Fil-fehma ta' l-appellant dak li jmissu jigi deciz issa f'din is-sentenza huwa mhux il-kumplament ta' l-appell tal-Maltacom imma l-appell incidentali tal-konvenut Albert Grech, li qieghed jippretendi li inkwantu t-Tribunal iddecieda li kien hu biss l-uniku legittimu kontradittur tas-socjeta' attrici, dan kien zbaljat peress li kellha tkun dikjarata martu l-kjamata fil-kawza il-legittima kontradittrici.

Din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti, kif ukoll it-tieni wahda miz-zewg sentenzi appellati, tara illi taht ebda cirkostanza dan l-appell incidental ma jista' jigi akkolt.  Ir-ragunijiet huma l-istess li gew elenkati fis-sentenza appellata tas-27 ta' Lulju, 1999, u cioe' l-fatt illi l-kuntratt isejjah lill-konvenut Albert Grech li anke jekk hu veru hareg mid-dar fl-1992, qatt ma ndenja ruhu li jinforma lill-Maltacom biex jghaddi  r-responsabilita' taht dak il-kuntratt ghand haddiehor, jew jittermina l-kuntratt.  Il-fatt li seta' kien hemm xi ftehim bonarju bejnu u bejn martu fir-rigward ta' hlasijiet ta' kontijiet, ma jaffettwax  lis-socjeta' attrici, li fir-rigward tibqa' terz li ma jistax jigi pregudikat.  Ghalhekk l-appell incidentali ser jigi respint.

Isegwi minn dan illi huma preskritti biss l-ammonti kollha dovuti sa mhux aktar tard mill-5 ta' Frar, 1994.  Minn kif tikkalkula din il-Qorti dan igib li hu dovut ir-*rentals* kollha minn Marzu, 1994 sa' Dicembru, 1996, jigifieri tnejn u sebghin liri maltin (Lm72).  Igib ukoll li huma dovuti bhala *pulses* dawk indikati f'Dok GM2 wara Marzu, 1994, u cioe' is-somom ta' disa' liri maltin (Lm9), zewg liri maltin u hamsin centezmu (Lm2.50), zewg liri maltin u hmistax-il centezmu  (Lm2.15), u sebghin centezmu (Lm0.70), b'kollox erbghatax il-lira maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm14.35c).  Is-somma ta' hamsa u tletin liri maltin u tmienja u hamsin centezmi

(LM35.58) li tidher li kienet dovuta ghall-perjodu precedenti – Dicembru, 1992 – s'intendi hija preskritta u mhix dovuta.

Dan iwassal ghall-konkluzzjoni li b'kollox il-konvenut appellat ghandu jaghti s-somma ta'  sitta u tmenin liri maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm86.35) li din il-Qorti sejra tikkundannah ihallas.

Ghal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell principali u minn dak incidentali kif gej:-

Fl-ewwel lok tichad l-appell incidentali tal-konvenut Albert Grech bl-ispejjez kontra tieghu.

Fit-tieni lok tilqa' l-appell principali  tal-Maltacom plc billi tirrevoka in toto l-ewwel wahda miz-zewg decizjonijiet tat-Tribunal ghat-Talbiet Zghar (Ghawdex), cioe' dik ta' l-1 ta' Gunju, 1999, u tiddikjara minflok li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' hames snin u dan fit-termini ta' l-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili.  Konsegwentement tirriforma t-tieni wahda mid-decizjonijiet appellati cioe' dik tas-27 ta' Lulju, 1999, billi tirrevokaha inkwantu ddikjarat illi kwalunkwe kreditu fil-konfront tal-konvenut Albert Grech huwa preskritt, u minflok tiddikjara illi huwa preskritt  biss  dak dovut sal-5 ta' Frar, 1994, u tiddeciedi inoltre billi tikkundanna l-istess konvenut appellat Albert Grech ihallas is-somma ta'

sitta u tmenin liri maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm86.35c) bl-imghax legali mid-data ta' l-avviz u tichad it-talba attrici nkwantu diretta ghall-kumplament peress li l-istess qed jigi dikjarat bhala preskritt. Ghall-kumplament, it-tieni wahda mis-sentenzi appellati qed tigi konfermata hlief s'intendi ghal dak li ser jinghad kwantu jirrigwarda l-ispejjez. Ghal dak li hu kap ta' l-ispejjez qed jigi deciz li, kif inghad, l-appellat Albert Grech ibati hu l-ispejjez ta' l-appell incidentali, mentri dawk ta' prim'istanza relattivi ghall-ewwel wahda mid-decizjonijiet appellati, ikunu a karigu tas-socjeta' appellanti, mentri dawk ta' dan l-appell jigu sopportati kwantu ghall-parti relattiva ghar-revoka ta' l-ewwel wahda mid-decizjonijiet tat-Tribunal, dawn ikunu a karigu ta' l-appellat Albert Grech, mentri l-kumplament jigu sopportati bejn is-socjeta' attrici appellanti u l-istess konvenut Albert Grech appellat, skond ir-rispettiv rebh u telf taghhom. Il-kjamata fil-kawza Maria Stella Grech appellata, ma tbati ebda spejjez gudizzjarji, la ta' prim'istanza kif lanqas ta' din l-istanza. Dawn ikunu a karigu ta' zewgha Albert Grech appellat li interpona incidentalment.

Dep/Reg

mm